Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Città Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

Seduta 03/15 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013
Data 05/03/15 fis-6.30 pm
Post Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

| Attendenza | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Skużata minħabba mard |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Skużat minħabba xogħol |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti mis-6.45pm |
| | Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**03. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Hales | Il-Minuti 02/15 inqraw u ġew approvati nem.con. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. | |

03. 1. 2 **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**03. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 2 1 | 02.2.1 | Hales: Dog Litter Bins | Hales informa lill-Kunsill li ġew ordnati erbatax -il dog litter bin. | Hales |
| 03 2 2 | 02.2.4 | Hales: One way Triq Lvant | Hales informa lill-Kunsill li TM għadhom ma tawniex tweġiba dwar it-talba għal one way Ta' Triq Lvant. | Hales |
| 03 2 3 | 02.2.6 | Hales: Tabella Ġnien l-Għannejja Żwieten | Hales talab lill-Kunsillier Chircop sabiex jipprovdi l-art work. | Chircop<br>Hales |
| 03 2 4 | 02.2.7 | Caruana: Bollards fi Triq id-Duluri | Il-Kunsillier Caruana rringrazzja lis-Sindku talli twaħħlu l-bollards fi Triq id-Duluri. Hu staqsa wkoll jekk is-CEO tal-Maltapost ġiex ikkuntattjat. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Sindku |
| 03 2 5 | 02.2.8 | Hales: Centre Lines f i Triq id-Daħla ta' San Tumas | Hales informa lill-Kunsill li c-centre lines fi Triq id-Daħla ta' San Tumas huma ppjanati li jsiru l-ġimgħa d-dieħla jekk it-temp jippermetti. | Hales |
| 03 2 6 | 02.2.10 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li n-nominazzjonijiet għal Ġieh iż-Żejtun għalqu illum. Is-serata li matulha jingħata l-Ġieh ser issir fid-19 ta' Marzu fis-7.30pm fis-Sala Parrokkjali. Huwa kompla jgħid li għal konkors letterarju daħlu 5 rakkonti bid-djalett u 10 poeżiji. Inħaret ġurija ta' erbgħa min-nies Żwieten sabiex tagħżel ir-rebbieħa. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 2 | 7 | 02.2.12 | Chircop: Katina | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk tneħħitx il-katina minn fuq it-traffic island fi Triq Sant'Anġlu k/m Triq Bisqallin. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma jidħolx fi problemi bejn il-ġirien, iżda dak li hu illegali jitneħħa. | Hales |
| 03 | 2 | 8 | 02.2.22 | Agius: Jum il-Mara | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li ż-żjara ta' Ms Michelle Muscat fic-CDCC ser issir aktar tard minħabba mpenji oħra li għandha. Filwaqt li l-għoti ta' demm ser isir fis-7 ta' Marzu. | Agius |
| 03 | 2 | 9 | 02.3.4 | Chircop: Coeliac Vouchers Scheme | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk kienx hemm xi tibdil fis-sistema tal-POYC. Is-Sindku spjega li s-servizz kompla jingħata u diġa' sar it-tqassim tat-tieni batch ta' vouchers. | Agius |
| 03 | 2 | 10 | 02.3.5 | Hales: Zebra crossing fi Triq San Girgor k/m Triq San Piju X | **Il-Kunsill qabel li, l-pelican lights ma jmorrux ma l-ambjent tat-triq iżda minflok għandu jsir reflector.** | Hales |
| 03 | 2 | 11 | 02.3.7 | Hales: Isem ta' triq għal Alexander Cachia Zammit | Hales informa lill-Kunsill li ġew mgħoddija l-kummenti li rċieva mill-Maltapost, il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq flimkien mal-kummenti tal-Kunsill lil ibnu John. | Hales |
| 03 | 2 | 12 | 02.3.8 | Hales: Rimborż għal ħsarat fuq vetturi | Hales informa lill-Kunsill li t-talba li saret dwar ħsarat fuq vettura fi Triq Bormla ma tistax tiġi kkunsidrata minħabba li din ma ġratx fil-konfini taż-Żejtun. | Hales |
| 03 | 2 | 13 | 02.6.1 | Hales: Mobile camera | Hales irraporta li dwar il-mobile camera, qed issir riċerka mis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-aħjar għażla. | Segretarjat |
| 03 | 2 | 14 | 02.7.2 | Viċi-Sindku: Info Session mill-ETC | Il-Viċi-Sindku rrapurtat il-laqgħa li saret mill-ETC għal persuni b'diżabilita' nhar is-26 ta' Frar. Għaliha attendew 16 -il persuna li wrew interess qawwi. Din il-laqgħa tmexxiet minn Ms Maria Bartolo Galea. Hija qalet li ser isir kuntatt ma' l-AKL sabiex din il-laqgħa issir f'kull Kunsill Lokali. Minn diskussjoni qasira li saret, il-Kunsill wera x-xewqa li l-persuni b'diżabilita' għandhom ikunu kategorizzati mill-ETC. | Viċi-Sindku |
| 03 | 2 | 15 | 02.7.5 | Chircop: Website bil-Malti | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-website tal-Kunsill issa tinsab ukoll maqluba għall-Malti. | Chircop |
| 03 | 2 | 16 | 02.7.6 | Chircop: Tabelli ta' direzzjoni | Chircop staqsa jekk kienx hemm żviluppi rigward tabelli ta' direzzjoni li jindikaw il-lokalita taż-Żejtun fil-Marsa. Is-Sindku spjega li bgħattna korrispondenza lil TM iżda ma kellniex risposta. | Hales |
| 03 | 2 | 17 | 02.7.8 | Hales: One way Triq Santa Katarina | Hales informa lill-Kunsill li TM approvat is-sanctioning tal-one way ta' Triq Santa Katarina l-parti t'isfel. | Hales |

03 3 **Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/15. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 3 | 1 | 01 | MEPA: PA467/15 | Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan il-ħanut li qed jiġi propost li jinbidel f'wine bar/cafe, jinsab f'żona residenzjali u skond il-pjanta annessa huwa impossibli li jkun hemm imwejjed barra. | Segretarjat |
| 03 | 3 | 2 | 02 | MEPA: PA590/15, PA639/15, PA673/15 | Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core u għaldaqstant għandha tinżamm il-karatteristika ta' l-inħawi. | Segretarjat |
| 03 | 3 | 3 | 06 | O. Faenza: Ħsara fuq vettura fi Triq Alfred Cachia Zammit | Il-Kunsill qabel nem.con li jħallas l-ispejjeż ta' tyre għal ħsara li ġarrab is-Sur Faenza. | Sindku |
| 03 | 3 | 4 | 07 | N. Caruana: Ħsara fuq vettura fi Triq Alfred Cachia Zammit | Il-Kunsill qabel nem.con li jħallas għal tyre wieħed minħabba l-ħsara li ġarrab is-Sur Caruana. | Sindku |
| 03 | 3 | 5 | 08 | M. Bartolo: Ħsara fuq tyre fi Triq Santa Monika | Is-Sindku spjega li s-Sur Bartolo għamel ħsara fuq it-tyre tal-karozza tiegħu minħabba pins li twaħħlu minn resident fi Triq Santa Monika. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li ma jħallasx għal ħsara li ġarrab is-Sur Bartolo iżda jsir rapport lill-Pulizija u jfittex lir-resident. | Sindku |
| 03 | 3 | 6 | 02.3.8 14 | A. Mifsud: Ħsara fuq vettura fi Triq Xrobb l-Għaġin | Il-Kunsill iddiksuta il-korrispondenza li dehret fil-laqgħa preċedenti tas-Sur Angelique Mifsud. Il-Kunsill innota li sar rapport fl-għassa tal-pulizja l-għada ta' l-aċċident u li baqa' dieħel fil-ħajt. Is-Sindku spjega li meta qed issir evalwazzjoni ta' dawn l-inċidenti, irid jimxi skond il-5 kriterji tal-Memo li qed tidher fl-iskeda tal-korrispondenza tal-Bord tal-Governanza nru 19. Għaldaqsant, fil-każ tas-Sur Mifsud, **il-Kunsill qabel li jagħmel tajjeb għall-bumper u l-fanal biss.** | Sindku |
| 03 | 3 | 7 | 10 | Skola Primarja A: Funwalk | **Il-Kunsill qabel li jipprovdi s-servizz tal-gwardjan waqt il-funwalk li ser issir fis-17 ta' Marzu.** Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk sarx it-tqassim tal-ktieb l-Aħħar Ħbit l-istudenti tal-year 6. Is-Sindku spjega li ser titella attivita wara l-Għid il-Kbir. | Camilleri |
| 03 | 3 | 8 | 12 | DLG: Tqassim ta' bolol tad-dazju tas-sisa fuq l-inbejjed | Filwaqt li l-Kunsill innota li ser isir it-tqassim tal-bolol tad-dazju tas-sisa fuq l-imbejjed bin-nies tad-dwana, huwa innota wkoll li s-Sibt it-tqassim jista' jsir sal-11am biss. | |
| 03 | 3 | 9 | 14 | TM: One way fi Triq Santu Wistin | Il-Kunsill innota li l-one way ta' Triq Santu Wistin ma ġietx approvata. | Hales |
| 03 | 3 | 10 | 16 | S. Busuttil: Talba għal parti one way ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas | Wara li nqrat it-talba tas-Sur Busuttil sabiex parti minn Triq id-Daħla ta' San Tumas issir one way, il-Kunsill innota li Triq Xrobb l-Għaġin ma tiflaħx għall-ammont kbir ta' karozzi. | Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 03 3 11 | 20 | Frendo Montebello Advocates: Ħsara fuq vettura fi Triq Ħal Tarxien | Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien kiteb lill-TM li mhux ser ikun responsabbli għal Triq Ħal Tarxien peress li din it-triq tinsab fi stadju ħażin ħafna. Din it-triq ilha li nbniet iktar minn 30 sena ilu. Il-Kunsill huwa responsabbli biss għal manutenzjoni tat-toroq iżda din it-triq m'għadhiex fi stat li jista' jsir xogħol ta' patching fuqha. | Sindku |

03. 4. **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 4 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/15 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju |
| 03 4 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/15 | Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 03/15 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella. | Segretarju |
| 03 4 2 | | Il-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill li l-kontijiet ta' l-Arms ġew mifruda ġnien ġnien. Il-Kunsillier Caruana qal li l-Għaqda tan-Nar għadha ma rċevietx il-ħlas għal advert tal-festa 2014. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li jekk ma ntbagħtitx invoice jista jkun li l-ħlas ma sarx. Kull individwu/għaqda/entita' etc trid tippreżenta invoice lill-Kunsill sabiex din tkun tista' titħallas. | | |
| 03 4 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 03/15 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju |
| 03 4 4 | | Petty Cash - Frar 2015 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €105.84 | Segretarju |

03 5 **Bankini fi Triq Melchiorre Gafa' u Lorenzo Gafa'**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 5 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' bankini fi Triq Melchiorre Gafa' u Lorenzo Gafa', miexi. Hemm il-ħsieb li dan jitlesta sa l-aħħar tax-xahar. | Sindku |

03 6 **Dwal Ġnien San Girgor**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 6 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm problema fuq dwar id-dawl ta' Ġnien San Girgor. Huwa qal li ser issir laqgħa mal-Ministeru dwar dan is-suġġett. | Sindku |

03 7 **Triq Alfred Cachia Zammit**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03 7 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-tender sabiex isir il-wiċċ ta' Triq Alfred Cachia Zammit ingħata lil Kuntrattur Schembri ta' f'Ħal Far. Ser issir laqgħa mal-Kuntrattur sabiex jiġi stabbilit meta ser jibda x-xogħol. | |
| 03 7 2 | | Caruana: Rapport lill-Onor Joe Mizzi | Il-Kunsillier Caruana qal li sentejn ilu il-Kunsill ipprezenta lill-Onor Mizzi rapport dwar l-istat tat-toroq fiż-Żejtun u li s'issa għadu ma sar xejn fuqhom. Is-Sindku spjega li issa waslet biex issir fi Triq Alfred Cachia Zammit iżda l-Kunsill kontinwament jibgħat korrispondenza dwar l-istat li jinsabu fihom toroq bħal Triq Bir id-Deheb, Triq il-Labour Triq l-Arċipriet Degabriele u Triq Ħal Tarixen. Il-Kunsill ġibed ukoll l-attenzjoni tal-Perit Conti ta' TM li Vjal 25 ta' Novembru għoliet minħabba is-siġar u li din qed tkun ta' periklu għas-sewwieqa. | |

**03 8 Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 8 1 | | Għal din il-laqgħa ma ġewx preżentati mozzjonijiet | | |

**03. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 9 1 | | Sindku: Nominazzjoni Ġieħ iż-Żejtun | Fuq il-mejda tal-Kunsill, ġew preżentati in-nominazzjonijiet għal Ġieħ iż-Żejtun. Is-Sindku fetaħ in-nominazzjonijiet u għal din is-sena, il-Kunsill irċieva żewġ nominazzjonijet, dik ta' Frans Zahra u ta' Fr Vince Magri. Il-Kunsill innota li huma żewġ persuni validi ħafna u li t-tnejn ħaqqhom jieħdu dan il-ġieħ. Wara diskussjoni li saret, **il-Kunsill qabel li jagħti dan il-ġieħ lis-Sur Frans Zahra** peress li huwa l-iktar anzjan. Fr Vince Magri jista' jiġi kkunsidrat għal 2016. Il-Kunsilliera Fenech proponiet li għas-sena d-dieħla jkun hemm emendi fir-regolamenti għan-nominazzjoni ta' dan il-ġieh. Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzjoni li s-Sur Zahra jista' ma jaċċettax. | Chircop |
| 03 9 2 | | Sindku: Proġett Kapitali | Is-Sindku ippreżenta write-up tal-proposta għall-proġett kapitali imsemmi fil-laqgħa preċedenti. Huwa spjega li għada ser issir laqgħa li fiha l-Kunsill ser ikun jaf jekk il-proġett ġiex aċċettat u kemm il-Gvern Ċentrali ser joħroġ għal dan il-proġett. Is-Sindku spjega li jekk il-proġett jiġi aċċettat, il-Kunsill irid joħroġ expression of interest. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 9 | 3 | Viċi-Sindku: Attivita 01/04/2015 | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jinbiegħu biljetti mill-Kunsill għall-attivita li ser issir b'risq Dar Nazzaret fl-1 ta' April bi prezz ta' Eur10. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma jistax jinvolvi ruħu b'dan il-mod u jgħabbi lill-istaff b'din ir-responsabbilta'. Il-Kunsill lest li jgħin b'mod differenti. | Viċi-Sindku Chircop |
| 03 | 9 | 4 | Fenech: Fiera ta' l-Isports | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lill-Kunsill li ser issir fiera ta' l-isports fil-ground taż-Żejtun Corinthians b'involviment ta' l-għaqdiet Żwieten bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Kunsill. | Fenech |
| 03 | 9 | 5 | Viċi-Sindku: Tqassim ta' Figolli | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser isir it-tqassim ta' figolli nhar l-Għid il-Kbir lill-persuni b'diżabilita'. | Viċi-Sindku |
| 03 | 9 | 6 | Viċi-Sindku: Blk D Qasam Ta' Ganza | Il-Viċi-Sindku ressqet ilment ta' Blk D Qasam Ta' Ganza peress li għandhom tliet filati fejn iż-żebgħa qed tfarfar fil-komun. Is-Sindku spjega li jrid jieħu ħsieb il-Kumitat Amministrattiv, flimkien mad-Dipartiment tad-Djar. | Agius |
| 03 | 9 | 7 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li ser isiru dawn l-attivitajiet: 14 ta' Marzu Children Cinema Day, 28 ta' Marzu Film Phobia 02 ta' April 7 Visti f'Għawdex. Ser isir il-fuljett tal-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira fiż-Żejtun filwaqt li t-tfal ser ikunu akkumpanjati għall-ftuħ tal-wirja mill-għaqda Banda Żejtu u l-Għaqda Mużikali Beland. Ser issir attivita għal żjara fuq cruise liner f'Mejju. | Agius |
| 03 | 9 | 8 | Agius: Zebra crossing | Il-Kunsilliera Agius staqsiet dwar it-talba quddiem TM għal zebra crossings fi Triq l-Arċipriet Degabriele. Il-Kunsillier Hales qal li s'issa għadha ma ħarġitx approval minn TM. Din l-entita' qed titlob layout li jiswa Eur600 għal kull zebra crossing. Ma 'din it-triq għad hemm pendenti Triq ir-Ramla u Triq il-Labour. | Hales |
| 03 | 9 | 9 | Caruana: Motor Cycle Bays | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isiru l-motor cycle bays f'Misraħ Girgor Bonici u Misraħ Diċembru XIII. | Hales |
| 03 | 9 | 10 | Caruana: Dustbins | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isiru dustbins f'Misraħ Girgor Bonici. Is-Sindku spjega li l-ewwel Kunsill kien waħħal dustbins iżda n-nies ma bdewx jużawhom tajjeb bil-konsegwenza li l-Kunsill kellu ħafna lmenti tant li kellhom jitneħħew. | Hales |
| 03 | 9 | 11 | Caruana: Tneħħija ta' arbli tad-dawl | Caruana talab sabiex jitneħħew l-arbli tad-dawl f'Misraħ Diċembru XIII. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |
| 03 | 9 | 12 | Caruana: Bus shelter ħdejn HSBC | Caruana talab sabiex issir tinda fuq il-bus stop ta' ħdejn l-HSBC. Is-Sindku spjega li ntbagħet talba lil TM. | Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 9 | 13 | Chircop: Coaches f'Ħamis ix-Xirka | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni sabiex il-coaches f'Ħamis ix-Xirka jitħallew jidħlu sa Misraħ Karlu Diacono. Il-Kunsill qabel. | |
| 03 | 9 | 14 | Chircop: Shake Dancers | **Il-Kunsill qabel li jifraħ lis-Shake Dancers għar-rebħa tagħhom fil-Karnival ta' Malta 2015.** | Segretarjat |
| 03 | 9 | 15 | Chircop: Blk E Qasam Ħal Tmin | Chircop informa lill-Kunsill dwar bankina mkissra u ħaxix ħażin fejn Blk E Qasam Ħal Tmin. | Sindku Hales |
| 03 | 9 | 16 | Chircop: Sprall itella l-ilma | Il-Kunsillier Chircop staqsa x'inhu l-ilma li qed jitla minn sprall fi Triq Ħal Tarxien k/m Sqaq il-Merħla. Is-Sindku qal li ma nafux x'inhu dak l-ilma u ninfurmaw lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. | |
| 03 | 9 | 17 | Chircop: Teżi Maria Brown | Il-Kunsillier Chircop ippreżenta lill-Kunsill it-teżi ta' Maria Brown, li fiha ħarġet il-karetteristika tal-Kunsill. **Il-Kunsill qabel li jerġa' joħroġ sejħa għall-istudenti universitarji Żwieten sabiex jippreżentaw it-teżi tagħhom lill-Kunsill.** | Chircop |
| 03 | 9 | 18 | Chircop: Ħofra fi Ġnien Brejġu | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex isir xogħol fuq il-ħofra li tħalliet fi Ġnien Brejġu. Is-Sindku spjega li din ser tingħalaq u li kienet tħalliet hekk, biex isir kumpass. | Sindku |
| 03 | 9 | 19 | Fenech: Scott Muscat | **Il-Kunsill qabel li jifraħ lil Scott Muscat għar-riżultat li kiseb fil-Billiard European Championship.** | Segretarjat |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.50pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 9 ta' April, 2015 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv